MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Talba Numru. 2723/2002

***Alfred Gatt***

***vs***

***Jennifer u Simon konjugi Cassar***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) rappresentanti self brevi manu li l-attur ghamel lill-konvenuta Jennifer Cassar fid-9 ta' Awissu 2002 u dana skond Dokument AG1 anness ma' l-avviz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Settembru 2002 u bl-imghax minn notifika ta' l-avviz kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-attur li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1000), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Settembru 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------